



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AFFARIJET MARITTIMI U S-SAJD
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI

Brussell, is-17 ta' Awwissu 2020
REV1 – tissostitwixxi l-avviż bid-data
tad-9 ta' April 2018 u d-dokument ta'
Mistoqsijiet u Tweġibiet (MuT) bid-data
tat-18 ta' Lulju 2019

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE RILEVANTI GĦALL-IŻBARK TAL- PRODOTTI TAS-SAJD FL-UE

Werrej

INTRODUZZJONI.....	3
A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT- TRANŻIZZJONI.....	4
1. IR-REKWIŻITI U L-KONTROLLI GĦALL-PREVENZJONI, L- ISKORAĠĠIMENT U L-ELIMNAZZJONI TAS-SAJD ILLEGALI, MHUX IRRAPPURTAT U MHUX IRREGOLAT.....	4
1.1. L-aċċess tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi għal portijiet fl-UE għal operazzjonijiet ta' żbark u ta' trasbord u servizzi tal-port.....	4
1.2. Notifika minn qabel u awtorizzazzjoni.....	4
1.3. Irreġstrar ta' żbarki.....	5
1.4. Spezzjonijiet fil-portijiet.....	5
1.5. Ċertifikazzjoni tal-qabda għall-kummerċ ta' prodotti tas-sajd.....	5
1.6. Rekwiżiti ta' kontroll mill-Istat tal-Port taħt il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC)	6
2. FORMALITAJIET DOGANALI.....	7
2.1. Ħut maqbud minn bastimenti tas-sajd tal-UE	7
2.2. Ħut maqbud minn bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit.....	8
2.3. Sommarju - ħarsa ġenerali.....	8
3. REKWIŻITI U KONTROLLI SANITARJI (“KONTROLLI UFFIĊJALI”).....	9
3.1. Regoli ġenerali.....	9
3.1.1. Kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni u fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd	9

3.1.2.	Sit tal-kontrolli ufficijali	10
3.2.	Ħut maqbud minn bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit.....	10
3.2.1.	Rekwiżit għall-elenkar ta' pajjiż terz.....	10
3.2.2.	Rekwiżit ta' elenkar ta' bastimenti.....	10
3.2.3.	Kontroll mal-iżbark	10
3.3.	Kontrolli ufficijali fuq prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri li jidħlu fl-Unjoni wara li jiġu ttrasferiti f' pajjiżi terzi.....	10
B.	REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI	11
ANNEX:	REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-ĦUT LI JINQABAD QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI, U JIĠI ŻBARKAT FL-UE WARA DIN ID-DATA.....	13

INTRODUZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁴ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ir-regoli applikabbli fl-Irlanda ta' Fuq wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti B aktar 'l isfel).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati involuti fl-attivitajiet tas-sajd, fl-importazzjonijiet u fl-iżbarki tal-prodotti tas-sajd huma b'mod partikolari rrakkomandati li jivvalutaw jekk il-prattiki tal-iżbark għandhomx jiġu adattati b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni l-ġdida sabiex il-proċessi tagħhom jinżammu konformi.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-ilmijiet/ibħra; u
- r-regoli tal-UE dwar is-sikurezza marittima, u l-kontrolli relatati.

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonnoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn⁵.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fih. Barra minn hekk, ir-Renju Unit mhux se jkun parti mill-Unjoni Doganali tal-UE u lanqas ma hu parti mill-qasam sanitarju u fitosanitarju (SPS) tal-UE⁶. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. IR-REKWIŻITI U L-KONTROLLI GĦALL-PREVENZJONI, L-ISKORAĠĠIMENT U L-ELIMINAZZJONI TAS-SAJD ILLEGALI, MHUX IRRAPPURTAT U MHUX IRREGOLAT

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit se jkunu bastimenti tas-sajd għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008⁷. Se japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

1.1. L-aċċess tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi għal portijiet fl-UE għal operazzjonijiet ta' żbark u ta' trasbord u servizzi tal-port

Skont l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi⁸ jistgħu jwettqu operazzjonijiet ta' żbark jew trasbord jew ikollhom aċċess għal servizzi tal-port f'portijiet speċifikati mill-Istati Membri tal-UE. Il-lista tal-portijiet speċifikati hija ppubblikata regolarment f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*⁹.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli tad-dritt internazzjonali tal-baħar applikabli f'każijiet ta' forza maġġuri u diffikultà.

1.2. Notifika minn qabel u awtorizzazzjoni

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li l-kaptan/rappreżentant ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi jkunu jridu jużaw il-port jew il-faċilitajiet ta' żbark speċifikati

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁶ Rigward l-applikabbiltà ta' dawn ir-regoli għall-Irlanda ta' Fuq ara l-parti B ta' dan l-avviż.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

⁸ Għad-definizzjoni tal-bastimenti tas-sajd ara l-Artikolu 2(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008.

⁹ Il-lista tal-portijiet speċifikati hija disponibbli hawnhekk: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020XC0214\(02\)&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020XC0214(02)&from=MT)

tiegħu, għandhom jiġu notifikati mill-anqas tlett ijiem tax-xogħol qabel il-ħin mistenni fil-wasla fil-port¹⁰. Jistgħu japplikaw eżenzjonijiet¹¹.

In-notifika minn qabel għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat ta' qbid (ara hawn taħt) jekk il-bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz ikollu prodotti tas-sajd abbord.

Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-awtorizzazzjonijiet għad-dħul fil-port jingħataw meta tkun ġiet issodisfata l-kundizzjoni ta' notifika minn qabel u jkun għew ipprovduti ċ-ċertifikati tal-qabda jekk meħtieġ. Derogi u regoli speċifiċi jistgħu japplikaw.

1.3. Irreġistrar ta' żbarki

Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, qabel l-operazzjonijiet ta' żbark jew trasbord, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li tiegħu jużaw il-portijiet ta' żbark jew il-faċilitajiet ta' trasbord speċifikati, dikjarazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-prodotti tas-sajd li għandhom jiġu żbarkati jew trasbordati.

1.4. Spezzjonijiet fil-portijiet

Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri tal-UE għandhom iwettqu spezzjonijiet fil-portijiet speċifikati tagħhom ta' minn tal-anqas 5 % ta' operazzjonijiet ta' żbark u trasbord minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi kull sena. Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, ċerti bastimenti tas-sajd għandhom jiġu spezzjonati f'kull każ.

Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jekk ir-riżultati tal-ispezzjoni jipprovdu evidenza li bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz involva ruħu f'sajd mhux irrappurtat u mhux irregolat, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port ma għandhiex tawtorizza lil dawn il-bastimenti jiżbarkaw jew jittrasbordaw il-qabda tagħhom. Miżuri u sanzjonijiet oħrajn jistgħu japplikaw.

1.5. Ċertifikazzjoni tal-qabda għall-kummerċ ta' prodotti tas-sajd

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-prodotti tas-sajd¹² jistgħu jiġu importati biss fl-UE meta jkun akkumpanjati minn ċertifikat tal-qabda.

¹⁰ Il-Kummissjoni tista' tqassar dan il-perjodu skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

¹¹ Artikolu 6(3) tar-Regolament 1005/2008.

¹² F'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament 1005/2008, "prodotti tas-sajd" tfisser kull prodott li jaqa' taħt il-Kapitolu 03 u taħt l-Intestaturi tat-Tariffi 1604 u 1605 tan-Nomenklatura Magħquda stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura

Iċ-ċertifikat tal-qabda jrid jiġi vvalidat mill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera. Dan irid jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd ikkonċernati jkunu nkisbu minn attivitajiet tas-sajd imwettqa fl-ilmijiet/ibħra kollha skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli.

Iċ-ċertifikati tal-qabda simplifikati jintużaw għal prodotti tas-sajd maqbuda minn ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi f'ċirkostanzi speċifiċi¹³.

1.6. Rekwiżiti ta' kontroll mill-Istat tal-Port taħt il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC)

Minbarra l-qafas pprovdut mir-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aċċess u l-użu ta' portijiet minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi.

Ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010,¹⁴ jistabbilixxi Skema ta' Kontroll mill-Istat tal-Port applikabbli fiż-żona NEAFC għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Partijiet Kontraenti¹⁵.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u fil-każ li r-Renju Unit isir Parti Kontraenti tal-NEAFC, japplikaw b'mod partikolari r-regoli li ġejjin:

- Skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, l-iżbark u t-trasbord ta' ħut iffriżat wara li jinqabad fiż-Żona tal-Konvenzjoni NEAFC, huwa permess biss f'portijiet speċifikati stabbiliti skont il-Konvenzjoni NEAFC¹⁶.
- Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, il-kaptan/ir-rappreżentant tiegħu ta' bastiment ta' pajjiż terz li jġorr abbord ħut iffriżat irid jagħti notifika minn qabel ta' tlett ijiem ta' xogħol qabel il-ħin stmat tal-wasla.

tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, bl-eċċezzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

¹³ L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 li jstipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 5).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Diċembru 2010 li jstabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17

¹⁵ Jekk ir-Renju Unit isir Parti Kontraenti tan-NEAFC, il-kontroll fil-port tan-NEAFC jiġi applikat ukoll għall-bastimenti tal-UE li jiżbarkaw jew jittrasbordaw f'portijiet tar-Renju Unit prodotti tas-sajd miż-żona tal-Konvenzjoni NEAFC.

¹⁶ <https://psc.neafc.org/designated-contacts>

- Skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, kull Stat Membru għandu jwettaq spezzjonijiet ta' mill-anqas 5% tal-iżbarki jew trasbordi ta' ħut frisk u mill-anqas 7,5 % ta' ħut iffriżat fil-portijiet tiegħu matul kull sena ta' rapportar.

2. FORMALITAJIET DOGANALI¹⁷

Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹⁸ jiddistingwi, għall-fini ta' formalitajiet doganali fir-rigward ta' prodotti tas-sajd fil-baħar u merkanzija miksuba minn tali prodotti ("prodotti u merkanzija tas-sajd tal-baħar"), bejn qabdiet li jinkisbu fl-ilmijiet territorjali ta' pajjiż u qabdiet minn ibħra miftuħa, inkluża ż-żona ekonomika esklussiva ta' pajjiż.

2.1. Ħut maqbud minn bastimenti tas-sajd tal-UE¹⁹

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, meta l-prodotti tas-sajd tal-baħar u l-merkanzija maqbuda minn bastiment tas-sajd tal-UE barra mill-ibħra territorjali tar-Renju Unit f'ibħra miftuħa, inkluż fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit, jiġu ttrasferiti direttament lejn it-territorju doganali tal-Unjoni, jiġu trasbordati lil bastiment ieħor, jew jiġu trasbordati u trasportati permezz tar-Renju Unit, il-preżunzjoni li jkun hemm status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ma tapplikax għal dawk il-prodotti u oġġetti²⁰, sakemm ma tingħatax prova ta' dak l-istatus doganali skont l-Artikoli 130, 131 u 133 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2446 u l-Artikoli 213 u 214 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.²¹

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jekk bastiment tas-sajd tal-UE jaqbad prodotti u oġġetti tas-sajd fil-baħar territorjali tar-Renju Unit, l-istatus doganali jkun dak ta' merkanzija mhux tal-Unjoni meta tinġieb fit-territorju doganali tal-Unjoni. Meta jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera, soġġetti għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 257 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, dawn għandhom jingħataw eżenzjoni mid-

¹⁷ Għal ċerti każijiet speċifiċi ta' ħut maqbud qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u li mbagħad jiġi żbarkat fl-UE wara, jekk jogħġbok ara l-anness ta' dan l-avviż.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

¹⁹ Għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-KDU, "bastiment tas-sajd tal-UE" jista' jfisser "bastiment fabbrika tal-Unjoni" (l-Artikolu 1(43) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1. ("Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446") jew "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" (l-Artikolu 1(44) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446).

²⁰ L-Artikolu 119(1)(d) u (e) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

²¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558 ("ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447").

dazju tal-importazzjoni skont l-Artikolu 208(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija hawn fuq, għal dawk il-prodotti u oġġetti se jkun hemm eżenzjoni mill-obbligu ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul (ENS)²².

2.2. Ħut maqbud minn bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-prodotti tas-sajd tal-baħar u l-oġġetti maqbuda minn bastiment tas-sajd tar-Renju Unit barra t-territorju doganali tal-Unjoni, inkluż fiż-żoni ekonomiċi esklussivi tal-Istati Membri tal-UE, u li jiġu żbarkati fl-Unjoni, jiġu ttrattati bħala oġġetti ta' pajjiż terz, jiġifieri, se japplikaw il-formalitajiet doganali inkluż il-provvediment ta' ENS, il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali għal dawk l-oġġetti, u possibbilment il-ħlas ta' dazji doganali.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jekk bastiment tas-sajd tar-Renju Unit jaqbad prodotti u oġġetti tas-sajd tal-baħar fl-ibħra territorjali ta' Stati Membri tal-UE, jiġifieri fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-preżunzjoni li jkun hemm status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni mhux se tapplika għal dawk il-prodotti u l-oġġetti²³, sakemm ma tkunx ipprovduta prova ta' dak l-istatus doganali skont l-Artikolu 132 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u l-Artikolu 215 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

2.3. Sommarju - ħarsa ġenerali

		Status doganali ta' ħut miġjub fl-UE	Formalitajiet doganali fl-UE
Bastiment tas-sajd tal-UE	Ħut maqbud fil-baħar territorjali tar-Renju Unit	Oġġetti/merkanzija mhux tal-Unjoni	Eżenzjoni tal-ENS Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera u eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni
	Ħut maqbud f'ibħra miftuħa, inkluż fiż-ŻEE tar-Renju Unit jew fiż-ŻEE ta' Stat Membru tal-UE.	Il-preżunzjoni ġenerali tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni ma tapplikax; għalhekk jeħtieġ li jkun hemm prova tiegħu	Eżenzjoni tal-ENS
	Ħut maqbud fil-baħar territorjali ta'	Merkanzija tal-Unjoni	Mhux applikabbli

²² L-Artikolu 104(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

²³ L-Artikolu 119(1)(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

		Status doganali ta' ħut miġjub fl-UE	Formalitajiet doganali fl-UE
	Stat Membru tal-UE, jiġifieri fit-territorju doganali tal-Unjoni		
Bastiment tas-sajd tar-Renju Unit	Ħut maqbud barra l-baħar territorjali ta' Stat Membru tal-UE, jiġifieri barra t-territorju doganali tal-Unjoni	Merkanzija mhux tal-Unjoni	ENS, dikjarazzjoni doganali u possibbilment dazji doganali meħtieġa
	Ħut maqbud fil-baħar territorjali ta' Stat Membru tal-UE, jiġifieri fit-territorju doganali tal-Unjoni	Il-preżunzjoni ġenerali tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni ma tapplikax; għalhekk jeħtieġ li jkun hemm prova tiegħu	Mhux applikabbli

3. REKWIŻITI U KONTROLLI SANITARJI (“KONTROLLI UFFIĊJALI”)

3.1. Regoli ġenerali

3.1.1. *Kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni u fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd*

Skont l-Artikolu 67 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627²⁴, il-kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni u fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd għandhom jinkludu:

- Verifiki regolari dwar il-kundizzjonijiet tal-iġjene waqt l-iżbark u l-ewwel bejgħ;
- Spezzjonijiet regolari ta' bastimenti u stabbilimenti fuq l-art, inklużi l-irkanti tal-ħut u s-swieq tal-operaturi.

²⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jstabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-tweġiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali, ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51.

3.1.2. *Sit tal-kontrolli uffiċjali*

Skont l-Artikolu 68 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali fuq il-bastimenti kollha li jiżbarkaw prodotti tas-sajd fil-portijiet tal-UE, irrISPettivament mill-bandiera, meta dawn jidħlu f'port fi Stat Membru.

L-awtoritajiet kompetenti tal-istat tal-bandiera jistgħu jwettqu kontrolli uffiċjali fuq bastimenti taħt il-bandiera tagħhom meta l-bastiment ikun fuq il-baħar, f'port fi Stat Membru jew f'pajjiż terz.

3.2. **Ħut maqbud minn bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit**

3.2.1. *Rekwiżit għall-elenkar ta' pajjiż terz*

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/625,²⁵ ir-Renju Unit għandu jkun "elenkat" mill-UE sabiex il-bastimenti tar-Renju Unit jitħallew jiżbarkaw il-ħut fl-UE.

3.2.2. *Rekwiżit ta' elenkar ta' bastimenti*

Bastimenti fabbrika jew bastimenti reefer li jbaħħru bil-bandiera tar-Renju Unit għandhom jiġu elenkati mill-UE skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625.

3.2.3. *Kontroll mal-iżbark*

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2126²⁶, prodotti tas-sajd friski li jinħattu l-art direttament minn bastiment tas-sajd li jkun qed itajjar bandiera ta' pajjiż terz huma eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera sakemm dawn jitwettqu minn awtoritajiet kompetenti f'portijiet tal-Unjoni maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

3.3. **Kontrolli uffiċjali fuq prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri li jidħlu fl-Unjoni wara li jiġu ttrasferiti f'pajjiżi terzi**

Skont l-Artikolu 72 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627, il-prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-

²⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti animali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18.

²⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2126 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli għal kontrolli uffiċjali speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' animali u oġġetti, miżuri li għandhom jittieħdu wara t-twettiq ta' tali kontrolli, u ċerti kategoriji ta' animali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, ĠU L 321, 12.12.2019, p. 104.

bandiera ta' Stat Membru u żbarkati f'pajjiżi terzi elenkati kif previst fl-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625²⁷ qabel ma jidħlu fl-Unjoni b'mezzi differenti ta' trasportazzjoni, għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz (il-mudell taċ-ċertifikat fil-Kapitolu B tal-Parti II tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628²⁸).

Jekk dawn il-prodotti tas-sajd jinħażnu fil-pajjiż terz jew jiġu mgħobbija fuq bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz, il-faċilitajiet/bastimenti tal-ħżin għandhom jiġu elenkati kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625. Madankollu, dan ir-rekwiżit ma japplikax għal bastimenti tal-kontejners u għal trakkijiet fil-laneċ.

B. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.²⁹ Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.³⁰

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikienu kienet Stat Membru.³¹

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-regoli tal-UE dwar sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)³² u l-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni³³ japplikaw għar-Renju Unit u fih fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq. Peress li dawn ir-regoli jiddistingwu abbażi tal-bandiera ta' bastiment, il-bastimenti li jtajru l-

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġħalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali), ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

²⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati, ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101.

²⁹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

³⁰ Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

³¹ Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-IE/NL.

³² L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsima 46 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

³³ L-Artikolu 5(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

bandiera tar-Renju Unit, inklużi dawk irreġistrati fl-Irlanda ta' Fuq, huma bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' din il-leġiżlazzjoni.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser li r-regoli tal-UE stabbiliti fil-Parti A ta' dan l-avviż fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit japplikaw għall-ħut kollu li jiġi żbarkat minn dawk il-bastimenti fl-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-kontroll tas-sajd, l-istatus doganali u l-formalitajiet u l-proċeduri doganali.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovdi li r-regoli sanitarji tal-UE³⁴ japplikaw għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Għall-fini ta' dawn ir-regoli, il-bastimenti tar-Renju Unit li jkollhom il-port ta' reġistrazzjoni tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq huma trattati bħal bastimenti li l-port ta' reġistrazzjoni tagħhom jinsab fi Stat Membru. Il-bastimenti tar-Renju Unit bil-port ta' reġistrazzjoni tagħhom f'postijiet oħra fir-Renju Unit, madankollu, huma trattati bħal bastimenti rreġistrati f'pajjiżi terzi.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser li r-regoli tal-UE stabbiliti fil-Parti A ta' dan l-avviż fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit japplikaw, sa fejn huma kkonċernati l-kontrolli tal-SPS, għall-ħut kollu li jiġi żbarkat fl-Irlanda ta' Fuq minn bastimenti tar-Renju Unit li ma għandhomx il-port tar-reġistrazzjoni tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

³⁴ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsimha 43 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

ANNEX: REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-ĦUT LI JINQABAD QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI, U JIĠI ŻBARKAT FL-UE WARA DIN ID-DATA

1. Ir-reqwiżiti u l-kontrolli għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

Ir-regoli stabbiliti fit-taqsimha A.1 ta' dan l-avviż japplikaw għall-ħut li jiġi żbarkat fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, irrispettivament minn meta jkun inqabad.

2. Formalitajiet doganali applikabbli għall-prodotti u oġġetti tas-sajd maqbuda minn bastimenti tas-sajd tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u miġjuba fl-UE wara dan il-perjodu

Meta bastiment tas-sajd tal-UE³⁵ jaqbad prodotti u oġġetti tas-sajd tal-baħar fl-ibħra territorjali tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u jiżbarka daww il-prodotti u l-oġġetti f'port tal-Unjoni, it-trattament doganali tagħhom jiddependi minn meta jseħħ dak l-iżbark:

- għall-iżbarki qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, b'mod ġenerali, ma japplikaw l-ebda formalitajiet doganali: meta l-bastiment ma jitlaqx it-territorju doganali tal-Unjoni mill-post tal-qabda lejn il-port tal-Unjoni, huwa preżunt li l-prodotti u l-oġġetti jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni; meta l-bastiment jitlaq minn dak it-territorju doganali, għandha tiġi pprovduta prova tal-istatus tal-Unjoni għalihom³⁶.
Innota li fis-sitwazzjoni speċifika tal-ħruġ tar-Renju Unit u fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dwana tista' titlob prova tal-istatus għal daww il-prodotti u oġġetti.
- Għall-iżbarki wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-prodotti u l-oġġetti se jżommu l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni soġġetta għal prova ta' dan³⁷.

Meta l-prodotti tas-sajd tal-baħar u l-oġġetti maqbuda minn bastiment tas-sajd tal-UE jew tar-Renju Unit ġewwa jew barra mill-ibħra territorjali tar-Renju Unit jew tal-Unjoni jiġu ttrasbordati fir-Renju Unit u t-trasport tagħhom permezz tar-Renju Unit jibda qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u l-prodotti u l-oġġetti jinġiebu lejn l-Unjoni wara tmiem dak il-perjodu, l-Artikolu 47 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ japplika għal dak il-moviment, soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fih. Fil-prattika, it-trasportatur għandu jingħata prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni għall-prodotti u l-oġġetti rispettivi.

3. Rekwiżiti u kontrolli sanitarji (“kontrolli uffiċjali”) applikabbli għal prodotti tas-sajd tal-baħar u oġġetti li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u li jiġu żbarkati fl-UE wara din id-data

³⁵ Għall-fini tal-leġislazzjoni tal-KDU, “bastiment tal-UE” tista' tfisser “bastiment fabrika tal-Unjoni” (l-Artikolu 1(43) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446) jew “bastiment tas-sajd tal-Unjoni” (l-Artikolu 1(44) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446).

³⁶ Dan japplika bl-istess mod għall-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit.

³⁷ L-Artikolu 130 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u l-Artikolu 213 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Ir-regoli stabbiliti fit-taqsimha A.3 ta' dan l-avviż japplikaw għall-ħut li jiġi żbarkat fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, irrispettivament minn meta jkun inqabad.